TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 327/12/GB

**Theresa Farrugia**

**vs**

**Golden Travel Club Ltd. – Fantasy Tours**

Illum 22 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet il-hlas ta' mitt Ewro (€100.00), rapprezentanti danni morali li soffriet meta marret gita li hija bbukjat minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob kumpens ta' mitt Ewro (€100.00) minhabba danni morali li soffriet meta marret gita mill-14 ta' Settembru sa l-21 ta' Settembru 2012 gewwa Corfu.

Ir-rikorrenti kienet tat l-flus kollha dovuti lis-socjeta' ntimata f'April. Pero', meta waslu l-lukanda, hallewhom jistennew u dahlu fl-4:00 ta' wara nofsinhar wara hafna nkwiet mas-sid tal-lukanda, fejn huwa qalilhom u wriehom li l-flus taghhom ma kienux gew ttrasferiti lilu u ma ried bl-ebda mod jaccettahom fil-lukanda, u beda jghidilhom li mhux l-ewwel darba din.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrenti qabadha stress kbir, sa anke ppruvaw icemplu lill-Pulizija, izda n-numru li nghataw ma hadimx. Kulhadd jistenna u jippanikja. Tilfu wkoll excursion.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti ffirmat il-'booking form' meta ibbukjat fi Frar 2012, fejn hemm indikat li 'check in' go lukanda ssir wara nofsinhar. Dik il-btala gewwa Corfu fil-Park Hotel kellha l-ammont ta' 21 klijenti. Ir-rikorrenti hija l-unika klijenta li ghadha taqla' dan il-panic kollu. Ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata gia offriet lir-rikorrenti kumpens ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) cash jew inkella hamsa u sebghin Ewro (€75.00) fil-forma ta' voucher li jintuza minn liema gruppi trid mill-brochure tas-socjeta' ntimata. Ir-rikorrenti baqghat ma accettatx. Rigward l-excursion li r-rikorrenti qed issemmi li ma marritx, dan kollu buona volonta taghha ghaliex is-socjeta' ntimata baqghat sejra bil-programm normali ghax ma kellha l-ebda raguni jew diffikulta' li thassru.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok.TF1 sa Dok.TF4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn regghat ikkonfermat wkoll illi hija offriet l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) lir-rikorrenti bhala kumpens ghas-siegha li damet tistenna, pero' hija ma accettatx. Kien hemm sitta u ghoxrin persuna li accettaw dan il-kumpens, u r-rikorrenti biss ma accettatx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghad-"danni morali", hekk imsejjha mir-rikorrenti. Illi s-socjeta' ntimata bl-ebda mod ma naqqset mill-obbligi taghha. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata offriet l-ammont ta'

hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) lir-rikorrenti bhala kumpens ghas-siegha li damet tistenna, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) lir-rikorrenti, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**